# Il-Qniepen u l-Ġimgħa Mqaddsa

*Din l-informazzjoni ġiet miġbura grazzi għall-websajt*
**www.goodfridaymalta.com**

**Kitba ta' Guido Lanfranco**

**Il-qniepen tal-knejjes tagħna jgħaddulna, fl-imgħoddi aktar minn issa, messaġġi matul is-sena kollha biex ifakkru jew iħabbru diversi avvenimenti u ma jistax jonqos li dwar il-Passjoni ta' Kristu jsemmgħulna lingwaġġ speċjali. Kulħadd jaf li, minbarra tifkiriet oħra, fil-Ġimgħa Mqaddsa hemm jumejn li fihom id-daqq tal-qniepen iħeġġiġna nħossu l-atmosfera ta' żewġ ġrajjiet ta' importanza mill-aktar kruċjali għall-Insara, jiġifieri il-Ħamis ix-Xirka li jfakkar l-istituzzjoni tal-Ewkarestija u l-Ġimgħa l-Kbira li tfakkar il-Passjoni. F'Ħamis ix-Xirka t-twaqqif tal-Ewkarestija huwa mħabbar bid-daqq ferrieħi tal-qniepen u fil-Ġimgħa l-Kbira d-dwejjaq għall-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu jinħass aktar bis-silenzju vistuż tagħhom.**

Mhux biżżejjed li l-qniepen isemmgħu leħenhom f'dawn il-jumejn tal-Ġimgħa Mqaddsa, imma mill-aħħar snin tas-seklu tmintax bdew jindaqqu l-qniepen nhar ta' Ħamis u nħar ta' Ġimgħa matul is-sena kollha.

## Kull nhar ta' Ħamis u l-Ġimgħa

F'Ottubru tal-1781 fl-Isla kien ġie deċiż li kull nhar ta' Ħamis filgħaxija, sagħtejn wara nżul ix-xemx, tindaqq mota ferrieħa tal-qniepen biex tfakkar l-istituzzjoni tal-Ewkarestija fl-Aħħar Ċena u wkoll l-għada l-Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar jindaqq it-transitu jew mortorju biex ifakkar il-Mewt ta' Kristu. L-isqof Labini, fl-1793, kien daħħal dawn id-devozzjonijiet bid-daqq tal-qniepen u talb, fil-parroċċi kollha tad-djoċesi. F'Għawdex, tal-Ħamis kienet magħrufa wkoll bħala "l-Mota taċ-Ċena". Biż-żmien, din it-tifkira bdiet issir f'għamla ta' Ora Santa filgħaxija bl-Adorazzjoni Ewkaristika.

Il-mortorju jew transitu tat-tlieta ta' wara nofsinhar kien jindaqq kull nhar ta' Ġimgħa imma ma kienx idoqq fil-Ġimgħa l-Kbira għax dakinhar ikun hemm tifkira mod ieħor u l-qniepen kienu jkunu siekta mill-glorja tal-Ħamis ix-Xirka sal-Glorja tas-Sibt il-Glorja filgħodu; lanqas ma kien jindaqq fil-Milied jekk dan jinzerta l-Ġimgħa, għax il-Mewt ta' Kristu ma tistax titfakkar fl-istess jum tat-Twelid Tiegħu. Il-qniepen tal-Ġimgħa għadhom jindaqqu f'diversi parroċċi u sa ftit snin ilu, aktar minn daż-żmien, nies fuq ix-xogħol kienu jagħmlu pawża u fl-iskejjel kienu jieqfu l-lezzjonijiet malli jinstemgħu t-tokki kiebja tat-tlieta biex jgħidu t-taqbila li tibda: "O ruħ, x'għamiltlek jiena . . . ħallejtni wara spallejk . . . " Għal min kien isum is-Sawma tal-Passju il-qniepen tal-Glorja ta' Ħamis ix-Xirka kienu l-bidu ta' din is-sawma stretta li kienet tispiċċa mal-Glorja ta' Sibt il-Għid; din is-sawma kienet magħrufa wkoll bħala s-Sawma minn Glorja sa Glorja.

## Qniepen siekta

F'Ħamis ix-Xirka filgħodu l-funzjoni kienet (u għadha) tasal għall-Glorja li magħha jdoqqu l-qniepen. Din kienet tkun l-aħħar darba li l-qniepen idoqqu qabel il-Glorja tas-Sibt filgħodu. Imbagħad issir

purċissjoni fil-knisja biex l-Ostja tiġi esposta fis-Sepulkru (issa nippreferu ngħidu Altar tar-Repożizzjoni). Il-jum tal-Ġimgħa kien jitħalla sieket u l-qniepen ma jinstemgħu xejn għax jorbtulhom ilsienhom. Ukoll fid-djar, dawk li kellhom, ma kinux idoqqu radju jew diski u lit-tfal ma kienux iħalluhom jilagħbu jgħajtu. Interessanti wieħed jiftakar li Dun Alfred Gatt, qassis twajjeb li ħadem għad-devozzjoni tal-Volto Santo, jew Wiċċ ta' Kristu, miet fis-26 ta' Marzu 1937 li ħabat jum il-Ġimgħa l-Kbira.

Għalkemm kien il-Ġimgħa l-Kbira, xorta waħda kellu l-Vjatku, imma l-qniepen tal-knisja ma daqqewx. Il-Qanpiena tat-Tifkira (The Siege Bell) li hemm qrib il-Barrakka t'Isfel u Sant' Iermu, li saret minn John Taylor fl-1992 biex tfakkar l-assedju tat-Tieni Gwerra Dinjija, saret biex iddoqq tifkira kuljum f'nofsinhar, imma mhux fil-Ġimgħa l-Kbira u Sibt il-Għid ta' żmienna. L-ewwel u l-aħħar darba li daqqew il-qniepen fil-Ġimgħa l-Kbira kien fil-11 ta' April 1941. Dak iż-żmien konna fil-gwerra bl-attakki mill-ajru. Kien hemm arranġament li wara li s-sirena ddoqq biex tavża li għadda l-attakk (raiders passed), kien imiss idoqqu l-qniepen biex jagħtu l-all clear. F'dak il-jum li semmejna kien hemm air raid u meta spiċċa kollox kellhom idoqqu l-qniepen skond l-ordnijiet, wkoll jekk kienet il-Ġimgħa l-Kbira.

## Iċ-ċuqlajta

Fiż-żmien meta l-qniepen ikunu siekta, kienu (u bosta għadhom) jużaw iċ-Ċuqlajta fuq il-kampnar jew fuq il-knisja. Għadna nisimgħu iċ-ċuqlajta f'diversi postijiet waqt li toħroġ il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ukoll f'xi funzjonijiet fil-knisja minflok qanpiena ċkejkna kellhom ċuqlajta żgħira ta' l-idejn. Bosta tfal kien ikollhom waħda ta' l-idejn li kienet issir minn bċejjeċ ta' l-injam marbutin flimkien. Iċ-ċuqlajta tal-kampnar kienet tkun magħmula kollha ta' l-injam bħallikieku erba' kaxex twal vojta minn ġewwa mqiegħdin għamla ta' salib b'imradd biex iddawwar minnu u, waqt li ddawwar, bċejjeċ ta' l-injam biċ-ċappetti jfaqqgħu bejniethom. Jissemmew daqs erbgħin waħda ta' għamliet differenti f'Malta u f'Għawdex oħrajn l-Għarb, Nadur, Qala, il-kattidral fiċ-Ċittadella, r-Rabat għand il-Konventwali, Sannat, Xagħra, Xewkija u Iż-Żebbuġ. Hemm kitba li tgħid li fin-Naxxar, għal xi żmien fis-seklu tmintax, waqt il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma kienux jużaw ċuqlajta minflok qanpiena imma, għal kull statwa li toħroġ kien hemm wieħed jaħraq il-maskli. Għall-ħsejjes li tagħmel iċ-ċuqlajta waqt id-dawran, l-Ingliżi jużaw l-espressjoni: cracking of Juda's bones, jiġifieri li l-ħsejjes qishom l-għadam ta' Ġuda qed jitfarrku!


PRECIOUSPETS
PET SUPPLIES • PLANTS • ECO STORE • PET GROOMING
Veterinarian and Grooming Services are scheduled by Appointment
www.facebook.com/Precious.Pets.Fgura
31, Cottoner Avenue, Fgura FGR 1388.
Tel: 21808085 • Mob: 99428085 • E-mail: Nadiene@email.com